# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Dicembru, 2001.**

**Numru**

**Citaz. numru 202/93L3 GV**

**Joseph Tabone bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Air Malta Company Limited u b'nota tad-9 ta' Mejju 1997 Louis Grech bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Air Malta Company Limited assuma l-atti tal-kawza minflok Joseph Tabone – minn dak iz-zmien is-Socjeta' Air Malta Company Limited saret Air Malta p.l.c.**

**vs**

**John Mousu' f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' en commandite Mousu' Brothers.**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. B'citazzjoni prezentata fis-17 ta' Frar 1993 l-attur nomine wara li ppremetta illi l-konvenut qua tour operator gie konsenjat biljetterija tal-

ajru u dokumenti ohra trasferibbli konnessi mal-operazzjonijiet tas-Socjeta' attrici ; illi ai termini tar-regolamenti tal-I.A.T.A. l-konvenut bhala agent rikonoxxut ta' dan il-korp kellu ta' kull xahar jipprezenta lill-attur nomine dak li fil-lingwagg tekniku jissejjhu TSR's biex jaghti rendikont tal-bejgh tal-biljetterija, kupuni u dokumenti ohra trasferibbli, oltre li jibghat il-hlas relattiv, illi l-konvenut proprio et nomine ghandu in sodisfazzjoni ta' dawn il-biljetterija u dokumenti fuq riferiti jhallas lis-Socjeta' Air Malta l-ammont ta' Lm19,994.63c li nonostante li gie nterpellat biex ihallas baqa' inadempjenti ; Talab li dina l-Onorabbli Qorti (1) tiddeciedi skond it-talba ta' l-attur nomine bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ; (2) tikkundannah ihallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm19,994.63c prezz ta' biljetterija, kupuni u dokumenti ohra trasferibbli kif fuq inghad u ghar-ragunijiet fuq premessi. Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez komprizi dawk tal-protest gudizzjarju tas-7 ta' Dicembru 1989 u ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Lulju 1991 kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

2. Il-konvenut pro et nomine eccepixxa (1) illi huwa mhux debitur tas-Socjeta' attrici ghax wara li jigu likwidati d-danni li huwa sofra meta l-attur nomine arbitrarjament, abusivament u illegalment kiser il-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet fis-57 ta' Dicembru 1989 dwar is-sistema komputerizzata, hija s-Socjeta' attrici li hija debitrici lejh : (2) illi huwa ghalhekk qed jipprevalixxi ruhu mill-azzjoni ttentata mill-attur nomine u

qed jintavola kontro-talba biex jirrikonvenzjona lill-istess Socjeta' Air Malta Company Limited ghal dikjarazzjoni ta' danni li huwa sofra minhabba l-ksur arbitrarju u llegali tas-27 ta' Dicembru 1989 fuq imsemmi da parti tas-Socjeta' attrici, ghal-likwidazzjoni ta' l-istess danni u ghall-kundanna ta' hlas tad-danni hekk likwidati ; (3) salvi eccezzjonijiet ohra.

3. F'rikonvenzjoni prezentata kontestwalment man-nota ta' l-eccezzjonijiet il-konvenut proprio et nomine wara li ppremetta illi fis-27 ta' Dicembru 1989 il-konvenut pro et nomine rikonvenjent li huwa agent ta' l-ivvjagar approvat mill-International Air Transport Association (I.A.T.A.) u Tour Operator, iffirma kuntratt mas-Socjeta' rikonvenuta Air Malta Company Limited dwar is-sitema komputerizzata, u minn naha taghha l-imsemmija Socjeta' attrici obbligat ruhha, bhal ma ghamlet ma' diversi agenti ohra ta' l-ivvjaggar, li tikri lill-konvenut pro et noe rikonvenjent "computerised equipment" u tissuplixxi l-"Computerised Reservations Systems" taghha maghrufa bhala "KAMA" fl-ufficju tas-Socjeta' Mousu' Brothers u b'hekk tillinkja mas-sistema komputerizzata ta' l-Air Malta u jkollha facili access ghaliha ; illi wara sar il-hlas rikjest u giet provduta l-linja mit-TeleMalta, s-Socjeta' attrici rikonvenuta unilateralment, abusivament, illegalment, u bla pre-avviz ta' xejn kisret il-kundizzjonijiet tal-imsemmi kuntratt u rrifjutat li taghti s-servizz miftiehem ; illi dan l-agir arbitrarju u rrisponsabbli da parti tas-Socjeta' Air Malta Company Limited ikkaguna danni ngenti lill-konvenut pro et

noe rikonvenjent kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ; Talab li dina l-Onorabbli Qorti (1) tiddikjara lill-attur nomine rikonvenut responsabbli ghad-danni kollha li sofra l-konvenut pro et noe rikonvenjent minhabba l-ksur arbitrarju, abusiv u llegali da parti ta' l-istess attur nomine rikonvenut tal-kuntratt tas-27 ta' Dicembru 1989, dwar is-sistema komputerizzata fuq imsemmi ; (2) tillikwida d-danni kollha li sofra l-istess konvenut pro et noe rikonvenjent, okkoorendo bl-opra ta' periti nominandi : (3) tikkundanna lill-attur noe rikonvenut ihallas lill-konvenut pro et noe rikonvenjent dik is-somma li tillikwida dina l-Qorti bhala rizultanti mill-imsemmi ksur tal-kuntratt tas-27 ta' Dicembru 1989, kif fuq inghad. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-attur nomine rikonvenut minn issa ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

4. L-attur nomine pprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro-talba tal-konvenut pro et noe fis-seduta tas-16 ta' Marzu 1993 u eccepixxa (1) preliminarjament, ma jidhirx illi t-talba rikonvenzjonali tissodisfa l-vot tal-ligi fl-Artikolu 396 tal-Kap. 12 ; u (2) fit-tieni lok u fil-mertu t-talba tal-konvenut ritrattant hi bla bazi ga-la-darba lill-konvenut kien ga' taht il-facilitajiet kreditizji flimkien mal-biljetterija u huwa kien jinsab fi stat ta' minorata solvibilita' bil-fatt tan-nuqqas tal-hlasijiet reklamati ; salvi eccezzjonijiet ohra.

5. Fl-20 ta' April 1993 l-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-konvenut biex tigi sfilzata n-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kumpanija attrici kontra r-

rikonvenzjoni tal-konvenut pro et noe, u l-esponent pro et noe appella minn dan id-digriet ghal quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

6. B'sentenza tas-6 ta' Lulju 1993 il-Qorti ta' l-Appell tal-konvenut pro et nomine, u d-digriet, fis-sens tas-sens moghtija, gie konfermat in kwantu n-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-attur ghar-rikonvenzjoni tal-konvenut giet prezentata fit-terminu stabbilit mil-ligi. L-ispejjez taz-zewg istanzi baqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

7. B'sentenza moghtija fis-27 ta' Ottubru 1997 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi wara li cahdet l-eccezzjoni tal-konvenut pro et noe u l-kontro-talba tieghu kkundannatu jhallas lill-attur is-somma ta' Lm19,441.63c ; bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

8. Il-konvenut appellant pro et noe hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u interpona umili appell minnha.

9. B'sentenza tat-18 ta' Jannar 2000 il-Qorti ta' l-Appell iddecidiet l-appell interpost billi filwaqt li kkonfermat in toto s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Qorti fis-27 ta' Ottubru 1997, fil-kawza fl-ismijiet premessi, cahdet l-appell tal-konvenut proprio et nomine bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

10. Mis-sentenza tat-18 ta' Jannar 2000 moghtija mill-Qorti ta' l-Appell John Mousu' proprio et nomine qed jipproponi talba ghar-

ritrattazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 811 (e) tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili. L-esponent pro et noe ghandu interess li jitratta din il-kawza a tenur ta' l-Artikolu 811 (e) tal-Kap. 12 peress illi l-Qorti ta' l-Appell ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi.

11. L-essenzjalita' tas-sottomissjoni tal-konvenut pro et noe ritrattand hija l-Qorti ta' l-Appell, dina l-Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi meta waslet ghall-konkluzjoni li l-Air Malta Company Limited kellha d-dritt li tissospendi u kienet issospendiet il-kuntratt in kwistjoni ffirmat fis-27 ta' Dicembru 1989 bejn il-kontendenti u li bih is-Socjeta' Air Malta kienet obbligat ruhha li tissupplixxi s-sistema komputerizzata taghha fl-ufficju ta' Mousu' Brothers.

Illi f'dan il-kaz qed jigi sottomess illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi billi naqset li tapplika l-ligi – dana huwa differenti mill-interpretazzjoni tal-ligi li r-rikorrent pro et noe setgha ma jaqbilx maghha.

Illi l-pretensjoni li l-Air Malta p.l.c. gia' Air Malta Company Limited kellha d-dritt li tissospendi l-operat tal-kuntratt li kellha ma' Mousu' Brothers hija ghal kollox infondata u fil-Kodici Civili taghna tali pretiz dritt ma jezistix – kif jidher minn dak li hemm fl-Artikoli 960 sa1011 tal-Kodici Civili li jirregolaw il-Kuntratti. Sospensjoni ta' kuntratt tista' tavvera ruhha biss meta tkun il-konsegwenza ta' kundizzjoni, difatti msejha sospensiva, li fuqha jkun hemm ftiehmu l-partijiet. Ma kien hemm xejn

minn dak fil-kuntratt bejn il-kontendenti. Se mai, si et quatenus, l-Air Malta setghet tagixxi biex tittermina l-kuntratt imma mhux tissospendih. Il-kuntratt stetss tas-27 ta' Dicembru 1989 iffirmat bejn il-partijiet jipprovdi ghat-terminazzjoni tieghu imma ma hemmx kundizzjonijiet ghal xi forma ta' sospensjoni.

Illi ghalhekk fil-fehma umili tar-rikorrent pro et noe ritrattan la ma gietx applikata l-ligi li kellha tigi applikata skond l-Artikoli msemmija tal-Kodici Civili mentri giet applikata "ligi" inezistenti tekkwivali ghall-applikazzjoni hazina tal-ligi.

Ghaldaqstant il-konvenut pro et noe ritrattand talab li dina l-Qorti joghgobha tirrevoka u thallas is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Jannar 2000 fil-kawza fl-istess ismijiet premessi in kwantu dina ma laqghetx it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut pro et noe ritrattand u konsegwentement tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 811 (e) tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili, bl-ispejjez kontra s-Socjeta' attrici ritrattata.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' JOSEPH TABONE NOMINE ET</u>**

12. Is-socjeta' ritrattata wiegbet hekk :-

(i) Fl-ewwel lok in via preliminari illi ritrattandi naqas li "flimkien mal-prezentata tar-rikors" jaghti garanzija ghall-ispejjez skond l-Artikolu 249,

ghal liema disposizjoni jirreferi l-Artikolu 815 Kapitolu 12. Kien evidentement jinkombi fuq ir-Registratur illi ma jaccettax ir-rikors in assenza totali tal-garanzija.

(ii) Inoltre l-esponenti nomine josserva wkoll ksur ta' dak dispost fl-Artikolu 816 Kapitolu 12 in kwantu, gjaladarba r-raguni minnu migjuba ghas-smiegh mill-gdid, huwa messu semma l-ligi li kien imissha giet applikata. F'dan il-kaz ir-ritrattand ma specifika l-ebda ligi partikolari li kellha tkun applikata.

Huwa ben saldat il-principju li jista' jkun hemm biss lok ghar-ritrattazzjoni taht is-subinciz (e) ghall-Artikolu 811, jekk il-Qorti tkun applikat Artikolu tal-ligi flok iehor li kellu jkun proprjament applikat. Difatti gie ritenut li kien infatti ghalhekk li l-Artikolu 816 Kapitolu 12 meta specifika x'ghandu jkun fih l-att promotur ta' ritrattazzjoni, jghid espressament li meta r-raguni ta' ritrattazzjoni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, "l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata" – "Vincenzo Borg vs Giuseppe Giordmaina", Appell 19 ta' Jannar 1996; "Maria Concetta sive Connie Vella vs Federico Galea noe", Appell 20 ta' Novembru 1998.

(iii) Kif intqal fid-decizjoni riportata a Vol. LXXVI p.ii p.196 (20 ta' Jannar 1996) "Dan pero' mhux bizzejjed biex jeradika d-dritt ghal ritrattazzjoni. Hi trid tipprova bil-premessa taghha li l-Qorti applikat il-ligi l-hazina u mhux li applikat il-ligijiet tajba b'mod hazin."

(iv) Minn ezami anke superficjali ta' l-atti processwali fil-kawza ritrattata ghandu jkun bizzejjed biex jikkonvinci illi fit-talba tieghu ghas-smiegh mill-gdid ir-ritrattandi qieghed semplicement jittanta jitratta mill-gdid il-punt krucjali tal-kontestazzjoni tieghu fl-appell li kien minnu interpost mid-decizjoni tal-ewwel Qorti.

(v) Sufficit li jigi ribadit il-principju stabbilit fi skorta ta' sentenzi illi "per vedere se vi sia mala applicazione di legge deve prendersi per unica base il fatto come stabbilito dalla Corte nella sentenza impuniata". (Vol. XXVII p.i p.433).

"L-ipotesi ta' applikazzjoni hazina ta' ligi tikkonkreta ruhha meta hemm vjolazzjoni manifesta tal-ligi, u mhix soggetta ghall-interpretazzjoni, razjocini jew argomenti." (Vol. XXIX p.i p795 ; "Dorothy Xuereb vs George Xuereb" ; App. 20 ta' Jannar 1982 ; "Fedele Dalli vs Coronato Sare'" App. 20 ta' Frar 1996, "Joseph Degiorgio vs Pawlu Abela", App. 7 ta' Ottubru 1997, fost bosta ohrajn.

(vi) In kwantu s-sentenzi kollha surreferiti jillustraw adegwatament il-kaz taht ezami u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula ma jista' bl-ebda mod ikun applikabbli dan ir-rimedju eccezzjonali tar-ritrattazzjoni taht dan is-subinciz – "Joseph E. Grech noe vs Joseph Bowman noe", App. 7 ta' Ottubru 1997.

## IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI

13. Din il-kawza, skond l-ahhar verbal datat is-16 ta' Ottubru 2001, baqghet differita ghad-decizjoni fuq rikuza jew ghad-decizjoni dwar jekk tezistix raguni ghar-ritrattazzjoni.

Aktar qabel, fl-istess seduta surreferita, din il-Qorti akkordat ir-ritrattand proprio et nomine il-beneficcju tal-cautio iuratoria wara li saret riferenza ghal decizjoni antecedenti moghtija minn din il-Qorti f'kawza bejn l-istat kontendenti, in data tad-9 ta' April 2001, u li fiha kien hemm il-motivi ghall-akkoljiment ta' talba simili fuq l-istess bazi.

14. Illi t-talba tar-ritrattand propio et nomine ghal fini ta' rikuza tal-imhallfin li qeghdin jippresjedu f'dina l-kawza hija bbazata fuq il-fatt li t-tlett imhallfin in kwistjoni kienu l-istess tlieta li taw is-sentenza in data tat-18 ta' Jannar 2000 bejn il-partijiet surreferiti u li taghha huwa qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni in kwantu qieghed jissottometti li din il-kawza giet deciza malament billi ma gietx applikata l-ligi li kellha tigi applikata skond l-artikoli 960 sa 1011 tal-Kodici Civili li jirregolaw il-kuntratti u li allura kien hemm ukoll vjolazzjoni ai termini tal-artikolu 811 (e) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) ghax b'hekk gara li "giet applikata 'ligi' inezistenti" u din kienet "tekwivali ghal applikazzjoni hazina tal-ligi".

15. Ghandu jinghad li talba ghal rikuza ta' imhallef ma tinghatax b'mod awtomatiku u f'kull kaz fejn kawza ghal fini ta' ritrattazzjoni tkun regghet giet assenjata lilu skond il-ligi ghal fini ta' decizjoni minkejja li jkun hu stess li ddecidieha. Huwa minnu li skond decizjonijiet ricensjuri ta' dawn il-Qrati f'dawk il-kazi fejn ikun jirrizulta li r-ritrattazzjoni tkun tabilhaqq ibbazata fuq l-aggravju ta' applikazzjoni hazina tal-ligi min-naha tal-Qorti allura f'kazi simili jkun opportun u xieraq li t-talba ghal rikuza tigi milqugha. Izda haga bhal din ma tinghatax fuq is-semplici premessa fir-rikors tar-ritrattazzjoni li l-aggravju huwa bbazat fuq l-artikolu 811 (e) tal-Kap. 12 u daqshekk. Irid invece jkun jirrizulta ta' lanqas prima facie li dan l-aggravju ghandu tali bazi.

16. ir-ritrattand isostni li l-Qorti ta' l-Appell ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi meta hija (ara para numru 13 tar-rikors ta' ritrattazzjoni),

> "waslet ghall-konkluzjoni li l-Air Malta Company Limited kellha d-dritt li tissospendi u kienet issospendiet il-kuntratt in kwistjoni ffirmat fis-27 ta' Dicembru 1989 bejn il-kontendenti u li bih is-Socjeta' Air Malta kienet obbligat ruhha li tissupplixxi s-sistema komputerizzata taghha fl-ufficju ta' Mousu' Brothers."

Skond ir-ritrattand nomine, il-pretensjoni tas-Socjeta' ritrattata li hija kellha d-dritt li tissospendi l-operat tal-kuntratt li kellha mieghu ma kienitx fondata u fil-Kodici Civili taghna tali pretiz dritt ma jezistix – kif jidher minn dak li hemm fl-Artikolu 960 sa 1011 tal-Kodici Civili li Jirregolaw il-Kuntratti. Sospensjoni ta' kuntratt tista' tavvera ruhu biss meta tkun il-konsegwenza ta' kundizzjoni, difatti mseha sospensiva, li fuqha jkun hemm ftiehmu l-partijiet. Ma kien hemm xejn minn dak il-

kuntratt bejn il-kontendenti. L-Air Malta setghet tagixxi biex tittermina l-kuntratt imma mhux tissospendieh. Il-kuntratt stess iffirmat bejn il-partijiet jipprovdi ghat-terminazzjoni "tieghu imma ma hemmx kundizzjoni ghal xi forma ta' sospensjoni". Ghalhekk, jaghlaq l-argument ir-ritrattand, ghandu jirrizulta li ma gietx applikata l-ligi li kellha tigi applikata skond l-artikoli msemmija tal-Kodici Civili mentri giet applikata ligi inezistenti u li allura dina tikwivali ghal applikazzjoni hazina tal-ligi.

17. Bir-rispett kollu, dak li gie sottomess mir-ritrattand, kif fuq inghad, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss kellu jinghad li ghandu ragun, m'ghandu assolutament xejn x'jaqsam ma' "applikazzjoni hazina ta' ligi", u minkejja li l-istess ritrattand f'parti ohra tar-rikors tieghu jissottometti li hawn non si tratta ta' interpretazzjoni, l-aggravju tieghu m'huwiex ghajr dwar materja ta' interpretazzjoni. Hu wisq evidenti li r-ritrattand ghadu jishaq fuq il-punt li l-mod kif il-Qorti ta' l-Appell <u>interpretat</u> il-kuntratt ezistenti bejn il-kontendenti kien zbaljat. Kif tajjeb gie ritenut fil-kawza "F.S. Borg vs P. Bugeja et", moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru 1996 (Vol. LXXX-11-960) b'riferenza ghall-artikolu 811 (e),

> "ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu jitqies li hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fil-kaz <u>biss</u> li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni tal-ligi li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni. Minn dan biss huwa diga' ovvju li t-talba ghar-ritrattand hi insostenibbli in kwantu l-motivazzjoni tieghu ghal smiegh mill-gdid mhi xejn hlief kritika tal-mod kif din il-

> Qorti interpretat il-ligi li hu stess jirribadixxi li hi applikabbli ghall-kaz tieghu. Gie kostantement ritenut fil-gurisprudenza – u dan johrog direttament mil-ligi illi biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi wiehed ma jistax jezamina mill-gdid il-fatt tal-kawza jew jerga' jinterpretaha."
> (ara wkoll similment "Vella vs Zarb Bartolo, Vol. XVII-I-422 ; Vol. XLII-I-227 ; Vol. XII-p.526, fost hafna ohrajn).

18 Din il-Qorti hija tal-fehma li s-sottomissjonijiet tar-ritrattand bl-ebda mod ma jinkwadraw ruhhom taht l-inciz 811 (e) tal-Kap. 12 kif jipprova jargomenta bl-aktar mod imgebbed imma xejn konvincenti. U la ma hemm l-ebda fondament taht l-inciz ta' "applikazzjoni hazina tal-ligi" certament lanqas ma hu jew kien wiehed minn dawk il-kazi li fihom l-istess gudikanti li jkunu taw l-ewwel sentenza ma jistghux jiddeliberaw dwar ir-rikors ta' ritrattazzjoni. Fil-fatt, ir-rikors tar-ritrattand mhux hlief sforz ennezimu da parti tar-ritrattand biex jirrovexxja l-gudikat maqtugh kontra tieghu. M'hemmx ghalfejn jinghad li l-procedura ta' ritrattazzjoni hija ta' applikazzjoni ristretta hafna ghax hija mizura eccezzjonali u ma kienet qatt intiza biex isservi jew tintuza biex isir appell minn appell.

Ghal dawn ir-ragunijiet,

Tiddeciedi billi filwaqt li tichad it-talba ta' rikuza maghmula mir-rikorrent ritrattand proprio et nomine tichad ukoll it-talba tar-rikorrent ritrattand John Mousu' proprio et nomine ghar-revoka u thassir tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-18 ta' Jannar 2000 fil-kawza fl-istess ismijiet premessi, bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-istess ritrattand John Mousu' proprio et nomine.

De p/Reg

mg